# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 356/2022 JPG**
**Kawza Numru : 25**

**L-Av Lycia Cordina (ID 116478M), li qieghda tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' RS, debitament awtorizzata permezz ta' prokura datata 18 ta' April 2022**
**Vs**
**JS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' L-Avukat Lycia Cordina noe datat 30 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija sitta u tmenin (1986) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;*

2. *Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal, MS u GS, it-tnejn maggjorenni;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz kuntratt ta' separazzjoni tal-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999)*

*pubblikat fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adami anness u mmarkat Dokument B1, kif sussegwentement emendat permezz ta' kuntratt ta' emenda ta' separazzjoni personali tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) pubblikat fl-atti tan-Nutar Maria Briffa anness u mmarkat Dokument B;*

4. *Illi il-partijiet ilhom il-fuq minn sena ma jghixux flimkien;*

5. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sena ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi m'hemm ebda bilanc pendenti ghal-manteniment dovut lill-intimata;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Arikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-paritjiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi nhar il-15 ta' Frar 2023 l-intimata deheret mhux assistita u l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha izda hi ddikjarat li ma tehtiegx ghajnuna legali u ma kienetx qed toggezzjona ghad-divorzju (vide fol 21);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehedet** (vide xhieda fol 34) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 1986, u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat 20 ta' Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Sandro Schembri Adami, li sussegwentement gie emendat nhar l-24 ta' Marzu 2021 fl-atti tan-Nutar Maria Briffa. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Di piu' kkonfermat illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-attur xehed permezz ta' video conference** (vide xhieda fol 35) u kkonfermat u kkorrobora dak li xehdet l-intimata.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 1986, liema zwieg jgib certifikat numru 805/1986 (Vide fol 4 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sandro Schembri Adami nhar l-20 ta' Settembru 1999 (vide fol 6 et seqq.) kif emendat fit-2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li

jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 805/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**